**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2023**

**Att ta' Akkuża Nru. 13/2020**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Tomislav Hegedus**

Il-Qorti,

**1.**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-akkużat Tomislav Hegedus detentur tal-karta ta'l-identita' numru 0356591M akkużat:

**Fl-Ewwel Kap,** talli assoċja ruħu flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw id-droga Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

**Fit-Tieni Kap**, talli, importa, jew ġiegħel li tiġi importata, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga Cannabis f'Malta meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern dana bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi f'ċirkostanzi li juru li d-droga ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**2**. Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat fit-22 ta' Jannar 2021.

**3.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Mejju 2022 fejn ċaħħdet l-eċċezzjonijiet preliminari kollha sollevati mill-appellant Tomislav Hegedus.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-akkużat Tomislav Hegedus fit-03 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat, tordna l-korreżżjonijiet opportuni fl-Att ta'l-Akkuża u tgħaddi sabiex tagħti d-direttivi opportuni ta'l-artikolu 499(6) tal-Kodiċi Kriminali.

**5**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentata fit-23 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha talab illi l-appell għandu jkun miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**7.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**,

**8**. Illi l-aggravji imressqa mill-appellant ifittxu biex jattakkaw id-deċiżjoni ta'l-Qorti Kriminali fir-rigward ta' kull eċċezzjoni minnu mqanqla fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu u dan għalkemm fir-rikors ta'l-appell l-appellant iqanqal biss erba' aggravji. L-ewwel aggravju huwa immirat lejn allegati difetti, nuqqasijiet jew żbalji fil-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża, it-tieni aggravju jattakka l-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxata mill-allegat kompliċi Fabian Catania, it-tielet aggravju huwa dirett lejn il-ksur tal-katina tal-evidenza li fuqha kien imħejji r-rapport tal-espert xjenzat il-Professur Emanuel Sinagra u finalment fl-aħħar aggravju l-appellant jikkritika il-mod kif saru l-investigazzjonijiet mill-pulizija marbuta ma' dan il-każ.

**A. <u>In-nullita ta'l-Att ta'l-Akkuża fir-rigward tal-parti narrattiva ta'l-istess</u>**

**9**. Illi din l-impunjattiva diretta lejn il-validita' ta'l-Att ta'l-Akkuża hija waħda li titqajjem kostantament u ripetutament mill-persuna akkużata. Dan għaliex l-ewwel darba li l-ġurija tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-fatti tal-każ, li trid finalment tiddeċiedi dwarhom, huwa meta fil-ftuħ taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri l-Att ta'l-Akkuża, kif redatta mill-Avukat Ġenerali, tiġi moqrija mid-deputat reġistratur tal-Qorti Kriminali. Sa dak il-mument il-ġurija tkun għal kollox sajma minn kwalsiasi tagħrif jew informazzjoni dwar l-każ li jkun ser jinstema'. Illi fil-parti narrattiva tagħha l-Att ta'l-Akkuża jkun fiha rakkont redatt mill-Avukat Ġenerali dwar dak li jidhirlu huma l-fattispeċje tal-każ. Fatti li l-Avukat Ġenerali ma jistax joħloq minn żniedu jew jivvinta, iżda huma fatti li jridu jemerġu mill-provi kkumpilati matul l-istruzzjoni tal-każ fil-kumpilazzjoni li tkun saret quddiem il-Qorti Istruttorja. Ukoll minn dawk il-fatti imbagħad irid jemerġi fis-sustanza r-reat li bih l-Avukat Ġenerali jixli lill-persuna akkużata fil-parti akkużatorja.

**10**. Illi l-liġi ma tindikax il-mod kif l-Avukat Ġenerali għandu iħejji l-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża, bl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm jindika illi fl-Att ta'l-Akkuża għandu jkun mfisser "*il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat*

*Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena",* madanakollu jħalli fid-diskrezzjoni tal-Prosekutur dwar il-mod kif tiġi redatta din in-narrazzjoni. Dan ifisser allura illi l-Qorti ma tistax issib xi nullita' fejn il-liġi ma tipprovdiex dwar l-istess, u għalkemm l-Avukat Ġenerali għandu jfittex li jkun kliniku u imparzjali f'din in-narrazzjoni mingħajr ma jara illi joħloq xi dramatizazzjoni żejda, bħallikieku wiehed qisu qed jaqra xi novella, madanakollu ġaldarba ir-rekwiżiti stabbilit fil-liġi huma sodisfatti, ebda nullita' ma tista tkun riskontrata.

**11**. Illi sa mill-istadji inizjali tal-ġuri, imbagħad kemm l-Imħallef togat, kif ukoll l-Avukat Ġenerali stess fir-Rekwiżitorja tiegħu, minnufih javzaw lil ġurati illi dak rakkontat f'din il-parti narrattiva ma jikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tal-persuna akkużata fejn jiġi lilhom spjegat dak li trid il-liġi meta l-Avukat Ġenerali jiġi biex iħejji l-Att ta'l-Akkuża u x'inhu l-kompitu tagħhom bħala imħallfin tal-fatt. Illi għalhekk din il-Qorti taqbel għal kollox mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali meta din iddeċidiet:

> **"6. Il-kontenut narrativ tal-Att ta' Akkuża ma jorbotx lill-ġurati. Dan l-Att iservi biex l-akkużat ikun jista' jkollu stampa kemm jista' jkun ċara tal-akkużi li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrativa, biex b'hekk huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.**
>
> **7. Mistqarr dan kollu jirriżulta mill-Att t'Akkuża de quo li l-Avukat Ġenerali inkludiet fl-istess Att dettalji suffiċjenti biex jitqies li ġie sodisfatt il-vot tal-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali."**

**12**. L-appellant, fl-aggravju minnu ntentat, jaqbel illi l-valur probatorju ta' dan l-att ġudizzjarju huwa għal kollox ineżistenti u allura l-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni imressqa minnu, aktar u aktar għaliex kuntrarjament għal dak li jsostni dak li jiggwida lil ġurati mhuwiex dak narrat fl-Att ta'l-Akkuza, iżda l-indirizz tal-Imħallef li mill-ftuħ tiegħu minnufih jipprovdi lil ġurati dawk il-linji gwida inizjali dwar il-mod kif għandhom jimxu meta jiġu biex jiġġudikaw dwar il-fatti tal-każ, fatti li, kif kemm il-darba jkun imfisser lilhom, iridu jemerġu biss u unikament mill-provi li ser jinstemgħu matul iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess. Illi allura bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali seta' ma

semmiex xi dettall li, fil-fehma tal-appellant, jista' jkun importanti ma jfissirx illi dan ser joħloq xi preġudizzju għalih, u dan meta ser ikun abbilment assistit mid-difensur tiegħu tul is-smigħ tal-ġuri fejn indubbjament ser jindika dawk il-fatti li jidhirlu jistgħu ixaqilbu il-miżien favur tiegħu, u li l-Avukat Ġenerali seta' ma indikahomx fl-Att ta'l-Akkuża, jew indikahom erronjament, biex b'hekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq żgur li mhux ser jiġi kkalpestat.

**13**. Illi l-kritika tal-appellant hija diretta lejn il-fatt illi l-Avukat Ġenerali jonqos milli jsemmi fin-narrazzjoni tiegħu tal-fatti dak dikjarat minn Fabian Catania illi huwa ma kien għamel ebda ftehim miegħu bil-għan li tiġi importata jew traffikata id-droga sabiex b'hekk ma jistax jemerġi ir-reat li dwaru l-appellant huwa mixli bih fil-parti akkużatorja u ċioe' r-reat ta'l-assoċjazzjoni.

**14**. Illi l-Qorti eżaminat l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrija ġuramentata ta' Fabian Catania, meħuda bis-saħħa tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ma tarax illi l-appellant għandu raġun f'din l-impunjattiva, iktar u iktar għaliex din l-istqarrija tikkonsisti f'rakkont magħmul minn Catania dwar l-konġura lil kien hemm biex tiġi trasportata d-droga, liema operazzjoni jikkontendi Catania kienet saret bi ftehim ma' l-appellant fejn dan kien spjegalu eżatt dak li kellu jagħmel sabiex jiġbor u jittrasporta d-droga minn post għall-ieħor. Jistaqsih hekk l-Ispettur Jonathan Cassar lil Catania:

> **<u>Spettur Jonathan Cassar</u>: ..... Meta dan Tomislav qallek lilek għax-xogħol sewwa? Wasal ix-xogħol biex tiġbruh u int kont ċert li huwa droga, sar xi ftehim fuq flus? Int għal xhiex kont ħa tagħmilha din il-biċċa tax-xogħol? Bħala pjaċir, biex taqla ...**
> **<u>Fabian Catania</u>: Ovvjament għal flus, ovvjament.**
> **<u>Spettur Jonathan Cassar</u>: Għall-flus. U sar xi ftehim fuq flus?**
> **<u>Fabian Catania</u>: Fuq ammonti ma nistax nghid imma ovvjament kulħadd jagħmel, li jagħmel ħadd ma jagħmlu ta' xejn.**
> **<u>Spettur Jonathan Cassar</u>: Jiġifieri jien qed nifhem li eventwalment inti kont ġa tirċevi xi flus sabiex ....**
> **<u>Fabian Catania</u>: Eżatt, Eżatt.**

Catania jispeċifika li għalkemm ma kienx sar diskors fis-sens illi dak li kien miftiehem li ser jittrasporta kienet droga, madanakollu kien hemm ftehim taċitu bejnu u bejn Hegedus li din l-operazzjoni kienet titratta trasport ta' droga u mhux tal-għamara li fiha finalment kienet misjuba d-droga. Fl-istqarrija ġuramentata tiegħu imbagħad Catania jispeċifika illi kien sar ftehim li huwa kien ser jirċevi l-ammont bejn €2000 u €5000 għall-involviment tiegħu f'din il-konġura kriminali.

**15.** Illi dan magħdud, meta l-Avukat Ġenerali jiġi biex ifassal in-narrattiva fl-Att ta'l-Akkuża dan irid jagħmlu mill-fatti li huwa jislet mill-provi kkumpilati kollha u mhux biss fuq dak dikjarat minn xhud wieħed. Illi ma hemmx dubbju għalhekk illi n-narrattiva ta'l-Avukat Ġenerali hija msejsa fuq fatti li huwa silet mill-atti kumpilatorji u allura mhux biss fuq dak li jirrakkonta Catania, iżda ukoll fuq dawk il-fatti u l-provi l-oħra li jindikaw dak li seħħ f'din l-operazzjoni polizjeska. Issa anke jekk l-appellant ma jaqbilx mal-fatti hemmhekk narrati, dan ma jwassalx għan-nullita' minnu pprospettata. Kien deċiż illi:

> **"L-artikolu 435(1) tal-Kodici Kriminali dejjem inghata l-interpretazzjoni illi ghall-fini ta' l-istess ikun sufficjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuza jkun jirrizulta imqar mir-rapport guramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament, cjoe' dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabbru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati.[1]"**

**16**. Kwindi anke jekk għal grazzja tal-argument l-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant illi Catania fl-istqarriija tiegħu ddikjara li ma kienx hemm ftehim bejnu u bejn Hegedus, dan ma jfissirx illi dan il-ftehim ma jistax jemerġi mill-provi l-oħra kkumpilati u li fuqhom l-Avukat Ġenerali jkun bena n-narrattiva tiegħu. Fuq kollox kif tajjeb tirrimarka l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, hemm kontradizzjoni lampanti bejn dawn l-eċċezzjonijiet li jistrieħu fuq l-istqarrija ġuramentata ta' Catania sabiex ifittxu

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et.- App. Krim. 31/07/1998

biex ixejjnu l-Att ta'l-Akkuża, u l-ħames eċċezzjoni li imbagħad tattakka din l-istess stqarrija u allura hija diretta sabiex din tkun dikjarata inammissibbli mill-Qorti, biex b'hekk il-Qorti tifhem illi stranament l-appellant qed jibbaża dawn l-eċċezzjonijeit fuq prova li *del resto* huwa qiegħed ifittex biex titwarrab għaliex isostni li hija inammissibbli.

**17**. L-istess jingħad għall-oġġezzjoni identika minnu ventilata fir-rigward tat-tieni Kap tal-Att ta'l-Akkuża fejn l-appellant huwa mixli bir-reat tal-importazzjoni tad-droga li kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali wkoll huwa msejjes fuq il-provi kkumpilati meta joħroġ illi d-droga interċettata fil-pussess ta' Catania kienet tinsab f'għamara li kienet qed tinġarr fuq vann wara li din allegatament ġiet importata ġewwa Malta. Issa jerġa' jingħad jekk dawn il-fatti jirriżultawx ippruvati waqt il-ġuri hija kwistjoni li titħalla f'idejn l-imħallfin tal-fatt sabiex jagħrblu l-provi li l-Prosekuzzjoni trid tressaq mill-ġdid waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**18**. Finalment l-appellant jilmenta ukoll illi l-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża kellu jagħti tagħrif dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-kompliċi Fabian Catania. Illi l-Qorti qajla tista' tifhem din l-oġġezzjoni ventilata mill-appellant, u kif l-istess tista' b'xi mod twassal għal xi nullita' fl-Att ta'l-Akkuża. Il-Qorti ma tistax tara kif dak li qed jippretendi l-appellant jinkwadra ruħu f' wieħed mir-rekwiżiti meħtieġa fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali b'dik id-disposizzjoni tal-liġi tinneċċesita unikament li fl-Att ta'l-Akkuża ikun hemm indikat il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar. Is-sitwazzjoni preżenti ta' xhud li ser jiddeponi fil-ġuri u li huwa kompliċi fil-kummissjoni ta' reat ma tinkwadra ruħha fl-ebda waħda minn dawn ir-rekwiżiti imfassla fil-liġi u kwindi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqies din il-lanjanza bħala waħda għal kollox frivola u fiergħa.

**19**. Għaldaqstant l-appellant m'għandux raġun meta jilmenta illi hemm in-nullita' għaliex din in-narrativa tista' tiżvija lil ġurati b'tali mod illi ebda difiża jew

kontestazzjoni tal-provi ma tista' treġi fil-konfront ta'l-istess u dan meta fl-istess nifs jaqbel illi dak narrat ma jiswiex bħala prova u ma jorbotx lil ġurati fil-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan iktar u iktar meta, kif ingħad, il-ġurati jkunu mwissija għall-iktar minn darba illi din in-narrattiva ma tikkostitwixxi ebda prova u li għalhekk ma jistgħux jistrieħu fuqha meta jiġu biex jiddeliberaw. Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**B. <u>L-istqarrija rilaxxata minn Fabian Catania</u>.**

**20**. L-appellant jilmenta mill-inattendibbilita' tal-istqarrija rilaxxata mix-xhud Fabian Catania billi dan huwa ko-akkużat miegħu fil-kummissjoni tar-reati lilu addebibati. Fil-fehma tiegħu ikun perikoluż li min hu imsejjaħ biex jiġġudika jistrieħ fuq din il-prova meta huwa evidenti li bħala persuna akkużata ukoll bil-kummissjoni tar-reat lil dwaru l-appellant huwa mixli, Catania kellu kull interess li jitfa' l-ħtija fuqu sabiex jaħrab mir-responsabbilta' penali. Din il-prova għalhekk li qed tfittex li tagħmel il-Prosekuzzjoni, skont l-appellant, hija imsejsa fuq xiehda mhux kredibbli u li permezz ta'l-istess jista' jkun hemm xkiel fir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk din il-prova għandha tkun skartata. Fuq kollox jinsisti illi għalkemm l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 jirrendi ammissibbli dikjarazzjoni magħmula mill-ko-akkużat, madanakollu jekk dan ma jinġiebx fil-qorti biex jixhed u jkun ikkontrollat mid-Difiża permezz tal-kontro-eżami, allura ikun perikoluż ferm illi l-ġurati jistrieħu fuq din l-evidenza sabiex isibuh ħati tar-reati lilu addebitati.

**21**. Illi huwa evidenti illi dak reklamat mill-appellant f'din l-eċċezzjoni huwa xejn anqas mit-tħaris tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu meta jinsisti li għandu jkun mħares il-jedd għal kontradittorju billi jingħata id-dritt waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi jagħmel il-kontro-eżami ta' dak li stqarr x-xhud Fabian Catania fl-istqarrija ġuramentata rilaxxata minnu fit-termini ta'l-artikolu 30A tal-Kap.101.

**22**. Illi huwa prinċipju stabbilit tad-dritt penali illi il-ko-akkużat ma huwiex xhud kompetenti biex jixhed fil-proċeduri penali kontra l-ko-akkużat tiegħu, u dan qabel il-każ tiegħu igħaddi in ġudikat. Illi fil-fehma tal-Qorti ir-risoluzjoni għal dan il-*quaestio iuris* tinsab fid-diċitura ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> **Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat,u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi.**

**23**. Illi l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar il-konfessjoni magħmula mill-awtur ta' reat kriminali li tista' tinġieb bħala prova fil-proċess kriminali BISS kontra dik il-persuna, u allura ma tiswiex bħala prova kontra xi persuna jew persuni oħra li jistgħu jissemmew f'dik il-konfessjoni, u li allura jistgħu jkunu ġew implikati fil-kummissjoni tar-reat. Madanakollu, meta l-leġislatur fassal l-artikolu 30A tal-Kap.101, ried jagħti għodda ġdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat fit-termini tad-disposizzjoni tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi li kieku din il-prova ma tiswiex, kif jikkontendi l-appellant kien jonqos il-bżonn illi tinħoloq din id-disposizzjoni tal-liġi espressament b'deroga għar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-artikolu 30A tal-Kap.101 fil-fatt (minbarra ix-xiehda li issir fil-qorti) jitkellem fuq dik id-dikjarazzjoni ikkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, bl-implikazzjoni allura illi l-proċeduri penali fil-konfront ta' dik il-persuna ma jkunux għadhom ittieħdu jew ma jkunux magħluqa. Jiddisponi fuq kollox illi tali dikjarazzjoni jew xiehda tista' tinġieb bi prova kontra **persuna oħra akkuzata bir-reat**, li tista' tfisser biss illi fil-mument li ssir dik id-dikjarazzjoni jew tingħata dik ix-xiehda, il-persuna l-oħra għadha titqies bħala persuna akkużata miegħu bil-kummissjoni tar-reat. Illi din id-diċitura adoperata mill-leġislatur, għalhekk, fiha nnifisha tikkostitwixxi deroga għal prinċipji ġenerali imfassla fil-Kodiċi

Kriminali li jitkellmu dwar il-figura tal-ko-akkużat. Illi dan isir dejjem bis-salvagwardja li l-ġurisprudenza, kemm dik nazzjonali kif ukoll dik ewropeja, titkellem dwarha b'insistenza, u dan sabiex ikun imħares b'mod sħiħ il-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, bid-difiża ikollha jedd sħiħ ta' kontroll fuq dak mistqarr minn dan ix-xhud li jrid jinġieb fil-qorti biex isirlu l-kontro-eżami, ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi kkontemplati espressament fil-liġi meta xhud ma jistax hekk jinġieb.

**24**. Illi l-QEDB fil-kawza ***Kostovski v. Netherlands*** (20 ta' Novembru, 1989) qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu *"does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."*

> ***"93. The Court reiterates that the term "witness" has an "autonomous" meaning in the Convention system. Thus, where a deposition may serve to a material degree as the basis for a conviction, then, irrespective of whether it was made by a witness in the strict sense or by a co-accused, it constitutes evidence for the prosecution to which the guarantees provided by Article 6 §§ 1 and 3 (d) of the Convention apply (see Lucà, cited above, § 41, and Rudnichenko v. Ukraine, no. 2775/07, § 102, 11 July 2013). Alleged accomplices in an offence (convicted in prior proceedings) are also to be regarded as witnesses, for the purposes of Article 6 § 3 (d), when their statements are brought before the court who takes account of them in deciding the case against the applicants (see Mild and Virtanen v. Finland, nos. 39481/98 and 40227/98, § 43, 26 July 2005).***
>
> **......**
>
> ***96. In this connection, the Court observes that the wording of Article 6 § 3 (d) provides "for an accused to examine or have examined witnesses against him". In the Court's view once a co-accused or other accomplice makes statements incriminating another person (i.e. the accused), the former inevitably becomes "a witness against him" and should expect to be confronted by the accused as well as to be compelled to appear at trial for such purpose. Indeed, the absence under national legislation of any means to ensure the attendance of the accusers***

***(charged with the same crime), for the purposes of examination, can be considered inadequate and can contribute to a finding of a violation of the rights of the accused (see, for example, Mild and Virtanen, cited above, §§ 46-48). However, the Court emphasizes that the status of "witness" given to a co-accused or an alleged accomplice (tried separately) does not detract from their own rights as accused persons or criminal suspects, including that of the privilege against self-incrimination (see, by implication, Cabral, cited above § 34). Indeed, such witnesses may be compelled to appear for the purposes of cross-examination but they cannot be compelled to give evidence.[2]"***

**25.** Illi allura spjanati dawn il-prinċipji ta dritt u l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali lilhom mogħtija, l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-appellant illi din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tax-xiehda ġuramentata tal-ko-akkużat jew tad-dikjarazzjonijiet minnu magħmula fiż-żmien qabel ma jkunu ntemmew il-proċeduri penali kontra tiegħu huma inammissibli bħala prova, u dan għaliex il-liġi stess b'deroga għar-regoli ġenerali tqies dawn id-dikjarzzjonijiet jew konfessjonijiet bħala prova valida kontra l-ko-akkużat.

**26**. Illi jingħad ukoll illi tali stqarrija lanqas ma tista' tkun dikjarat inammissibbli għaliex l-appellant ma kellux l-avukat tiegħu preżenti meta Catania xehed quddiem l-Inkwirenti u dan għaliex d-drittijiet tal-akkużat li jkollu smigħ xieraq u proċess ġust fil-qorti ser ikun mħarsa meta l-appellant ser ikollu l-jedd għal difiża adegwata matul il-ġuri b'rispett lejn il-prinċipju tal-kontradittorju.

**27**. Finalment, għalkemm l-appellant jindika illi t-tieni aggravju minnu ventilat jikkonċerna l-eċċezzjonijiet bin-numri 5, 7, 9, 10, 11 u 12, madankollu l-lanjanza minnu esposta tikkonċerna unikament dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienet deċiża l-ħames eċċezzjoni. Kwindi l-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha f'eżami ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienu deċiżi l-eċċezzjonijiet l-oħra marbuta mal-istqarrija ta' Fabian Catania peress illi l-appellant ma jressaq ebda oġġezzjoni għal din il-parti tad-

---

[2]CASE OF ODDONE AND PECCI v. SAN MARINO – final 17/01/2020 – applications number 26581/17, 31024/17

deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fir-rikors ta'l-appell u ma jindika ebda mottiv li wasslu sabiex ħassu aggravat b'din il-parti ta'l-imsemmija deċiżjoni. Għal dawn il-motivi, u għal motivi kollha miġjuba fis-sentenza appellata, dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

C. **<u>Il-prova forensika magħmula permezz tar-rapport tal-espert il-Professur Emanuel Sinagra</u>**.

**28**. Illi f'dan it-tielet aggravju, l-appellant jilmenta illi l-analiżi li saret tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri mill-espert xjenzat il-Professur Emanuel Sinagra għandha tkun sfilzata u dan għaliex din l-analiżi ma saritx f'laboratorju forensiku akkreditat skont il-liġi. Jikkritika għalhekk is-sentenza appellata meta qieset illi din l-eċċezzjoni minnu ventilata kienet tikkonċerna xi żbalji tipografiċi magħmula mill-espert fir-rapport tiegħu u li sussegwentment kienu ġew minnu korretti.

**29**. Illi jibda biex jingħad illi l-eċċezzjoni kif formulata mill-appellant fin-Nota ta'l-Eċċezzjonijiet tiegħu imkien ma tindika illi l-oġġezzjoni tiegħu kienet tirreferi għal fatt illi l-analiżi tad-droga ma saritx skont il-liġi, kif minnu issa ndikat fl-aggravju tiegħu. Id-diċitura adoperata fl-eċċezzjoni kienet taqra hekk:

> **"Ix-xogħol kollu magħmul u r-relazzjoni rilevanti magħmula mill-ispiżjar Prof. Sinagra huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fondamentali fil-proċess penali, ossia dik tac-chain of evidence, ġiet miksura. Konsegwentement sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li ta u li ġew mogħtija mix-xhud indikat huma inammissibbli u għaldaqstant lanqas ix-xhud ma huwa xhud ammissibbli. Din l-eċċezzjoni qedha tingħata a tenur u bis-saħħa tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali."**

**30**. Illi l-Qorti tistqarr illi l-mod kif inhi redatta din l-eċċezzjoni tgħid ħafna u ma tgħid xejn fl-istess ħin għaliex ma tindikax fl-ispeċifiku x'inhu l-ilment li qed jitqanqal fir-rigward tar-rapport u x-xiehda tal-espert Sinagra. Il-Qorti mhijiex mistennija tipprova tindovina x'kellu f'moħħu l-akkużat meta sab oġġezzjoni għal din il-prova. Żgur u mhux forsi illi d-diċitura adoperata ma tindikax illi dak li kellu f'moħħu l-akkużat, illum appellant, kien jirreferi għan-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju li

fih saret l-analiżi tad-droga. Donnu l-appellant ressaq din l-eċċezzjoni f'termini wiesgħa u ġenerali sabiex b'xi mod jirnexxielu jolqot xi nuqqas li jista' jkun riskontrabbli matul il-proċeduri. Lanqas fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti Kriminali ma tindika id-Difiża x' riedet tfisser b'din l-eċċezzjoni u allura ma tistax issa f'dan l-istadju ta reviżjoni toħloq eċċezzjoni ġdida li ma kenitx trattata in prim'istanza.

**31**. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti diġa' kellha okkazzjoni tindirizza dan l-ilment komuni li qiegħed ifiġġ kważi f'kull każ fejn l-persuna akkużata hija mixlija b'reati kontra l-liġijiet dwar id-droga u l-mediċini perikolużi. Jiġi ribadit illi l-għan wara l-*istandard* ta' akkreditazzjoni hekk imsejħa ISO/IEC 17025 jippermetti lill-laboratorji juru li qegħdin joperaw b'mod kompetenti u li jiġġeneraw riżultati validi, u b'hekk isaħħu l-fiduċja fix-xogħol tagħhom kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll madwar id-dinja. Dan ma jfissirx, madanakollu, illi jekk analiżi ma tkunx saret f'laboratorju akkreditat allura il-prova magħmula permezz ta' dik l-analiżi hija waħda inattendibbli jew monka fil-kontenut tagħha, u li l-konklużjonijiet milħuqa minn dik l-analiżi huma difettużi. Illi l-valur probatorju ta' evidenża jitkejjel mill-probabbiltà li dik l-evidenza tilħaq l-iskop tagħha ta' prova ta' fatt rilevanti għal każ. Dan hu wieħed mill-elementi ewlenin tal-ammissjoni tal-provi, peress li l-provi ammessi għal ġudizzju għandhom ikunu rilevanti, u għandhom ikunu tali illi jirrendu l-fatt in ġudizzju aktar probabbli jew inqas probabbli li seħħ, tkun kemm tkun żgħira l-probabbiltà tagħha. Dan ifisser illi diment li l-evidenza tkun rilevanti għal '*facts in issue*' din m'għandiex titwarreb leġġerment sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi l-ammissjoni ta' dik l-evidenza bħala prova in atti, u li allura tirrendieha inammissibbli. Ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tinneċċessita illi laboratorju forensiku fejn isir l-analiżi ta' sustanzi illeċiti għandu jkun akkreditat skont l-i*standard* hawn fuq imsemmi. Dan għaliex il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, u allura il-qafas regolatorju Ewropew li abbażi ta'l-istess huma imfassla dawn ir-regolamenti, japplika unikament għall-evidenza dattiloskopika u għall-analiżi tad-*DNA*. Il-liġi hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni, bir-regolament 6, imbagħad, iħalli f'idejn il-qrati nazzjonali li

jaddottaw dawk ir-regoli u liġijiet li jikkonċeraw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza mqiegħda quddiemhom[3]. Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

D. **<u>Il-Legalita' o meno tal-indaġini tal-pulizija</u>**.

**32**. Illi l-appellant jilmenta illi matul l-investigazzjonijiet marbuta ma' dan il-każ, il-Pulizija utiliżżaw dik l-għodda investigattiva imsemmija fl-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' għamlu konsenja ikkontrollata, mingħajr ma kisbu preventivament l-awtorizazzjoni meħtieġa la mill-Avukat Ġenerali u lanqas mill-Maġistrat. Għalhekk din il-prova hija waħda inammissibbli. Jikkritika s-sentenza appellata fejn din qieset illi l-argument ta' dritt dwar jekk din il-prova saritx skont il-liġi tista' tkun determinata biss matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri mill-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni u allura ma jaqbilx illi dan il-ġudizzju, kuntrarjament għal dak li tikkontendi il-Qorti Kriminali, għandu jsir mill-ġurija popolari billi din hija kwistjoni proċedurali u mhux ta' fatt.

**33**. Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk fuq din l-eċċezzjoni:

> **"67. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-Pulizija ddikjaraw li din l-operazzjoni kienet konsenja kontrollata. Mhux kontestat mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar, l-Ispettur Kevin Pulis kif ukoll l-Uffiċjali tal-Pulizija l-oħra li kienu qegħdin jissorveljaw il-movimenti ta' l-akkużat u ta' Fabian Catania dakinhar tat-30 ta' Ġunju 2018, li l-operazzjoni kollha li seħħet dakinhar filgħodu sa kmieni wara nofsinhar kienet seħħet taħt għajnejn il-Pulizija li kellhom informazzjoni li kien sejjer isir xi negozju ta' droga bl-involviment ta'l-akkużat.**
>
> **68. Dak li din il-Qorti tista' tikkonkludi f'dan l-istadju huwa li l-Pulizija kellha informazzjoni li waslitha biex grazzi għas-sorveljanza li għamlet fil-konfront ta'l-akkużat, waslithom biex jikxfu episodju ta' traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga cannabis. L-interpretazzjoni ta' f'xiex dik l-informazzjoni kienet tikkonsisti u minfejn inġiebet dik l-informazzjoni hija kwistjoni**

---

[3]"l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"

**t'apprezzament ta' fatt li dwaru jkunu jridu jixhdu l-Uffiċjali tal-Pulizija involuti. Stando ma dak li diġa ġie mistqarr minnhom, jirriżulta li huma għamlu użu minn informazzjoni li waslitilhom. Iżda x'kienet preċiżament tikkonsisti dik l-informazzjoni baqa' ma ġiex iċċarat. Ma ingħataw ebda dettalji speċifiċi dwar jekk din l-informazzjoni kienetx speċifika jew ġenerika, jew f'liema stadju l-informazzjoni kienet waslet lil Pulizija. Il-Prosekuzzjoni jinsistu li din ma kienetx konsenja ta' droga kontrollata.**

**69. Dan ifisser li fl-istadju tal-Ġuri, l-Uffiċjali tal-Pulizija jista' jkun li jerġgħu jikkonfermaw li din l-operazzjoni ma kinitx waħda ta' konsenja kontrollata. Iżda mill-banda l-oħra, bħala kwistjoni ta' fatt, jista' jirriżulta wkoll mod ieħor għax fl-aħħar mill-aħħar, ad eżempju, ma ġiex żvelat jekk l-informazzjoni li kellhom il-Pulizija dwar in-negozju tad-droga li kellu jsir kienetx waħda ġenerika jew speċifika, jekk sarux jafu biha qabel ma l-istess konsenja ta' droga cannabis waslet Malta jew wara li din waslet f'Malta minn barra, eċċetra. Dawn huwa kwistjonijiet ta' fatt li jistgħu jemerġu matul il-kors tal-Ġuri."**

**34**. Illi minn dak mistqarr mill-Qorti Kriminali, u minn eżami li l-Qorti għamlet tal-atti kumpilatorji, jidher illi ma huwiex ċar jekk l-operazzjoni li saret mill-Investigaturi kenitx waħda li taqa' taħt id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, u kien għal dan il-motiv illi l-Qorti Kriminali ma setatx twarrab din il-prova u tilqa' din l-eċċezzjoni. Dan għaliex kif ġustament minnha deċiż dawn il-fatti jistgħu jemerġu unikament matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u ukoll għaliex f'dan l-istadju kemm il-Qorti Kriminali, u anke din il-Qorti, ma jistgħux jinoltraw ruħhom fl-apprezzament tal-provi li hi manzjoni li titħalla unikament f'idejn il-ġurija.

**35**. Jingħad biss illi hemm distinzjoni netta bejn l-użu li l-investigaturi jagħmlu ta' informazzjoni li tiġi mgħoddija lilhom u li tista' tixpruna xi investigazzjoni u l-involviment dirett ta' persuna jew persuni li jkunu fornew dik l-informazzjoni f'operazzjoni polizjeska li ssir bil-moħbi. Fl-ewwel istanza l-involviment tal-investigaturi fl-eżekuzzjoni tad-delitt investigat tibqa' waħda passiva kuntrarjament għall-involviment dirett u rejali li jseħħ meta ikun hemm dik l-operazzjoni kkontrollata, fejn kważi kważi ikun hemm forma ta' istigazzjoni biex iseħħ id-delitt, u li twassal sabiex is-suspettat jinqabad jikkometti l-att inkriminatorju.

**36**. L-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 fil-fatt jagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi konsenja kkontrollata u jiddeskrivi din il-parteċipazzjoni attiva tal-investigaturi bħala dik it-teknika li *biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża .... jew ta' flus, proprjetà jew rikavat* ***titħalla*** *toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew* ***titħalla*** *tgħaddi minn post jew min għand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew* ***titħalla*** *tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor, intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment*, liema operazzjoni ssir '***bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Eżekuttiva'***, li fit-test Ingliż tal-liġi hija imfissra bħala waħda li ssir '***with the knowledge*** ***and under the supervision of the Executive Police***'.

**37**. Illi din id-definizjoni tinsab ukoll fil-*1988 UN Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* riprodotta ukoll fil-*2000 UN Convention against Transnational Organised Crime* fejn hija hekk definita:

> ***The technique of allowing illicit or suspect consignments of (...) drugs (...) or substances substituted for them, to pass out of, through or into the territory of one or more countries, with the knowledge and under the supervision of their competent authorities, with a view to identifying persons involved in the commission of offences (...)"***

B'din id-diċitura allura l-Qorti tifhem illi jrid ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva fl-operazzjoni u mhux sempliċement sorveljanza minn naħa tagħhom fuq suspettat aġir inkriminatorju, għaliex altrimenti għal kull operazzjoni investigattiva jkun jenħtieġ l-awtorizazzjoni tal-Maġistrat jew inkella tal-Avukat Ġenerali.

**38**. Illi mix-xiehda tal-Ispettur Jonathan Cassar u tal-Ispettur Kevin Pulis jidher illi l-Pulizija kienet irċeviet xi informazzjoni kunfidenzjali dwar importazzjoni ta' droga fejn seta' kien involut l-akkużat u li seta' kien ser isir xi skambju ta' droga f'post partikolari li beda jiġi sorveljat mill-pulizija. Meta l-pulizija innuttaw xi movimenti suspettużi huma bdew insegwiment ta' vettura u tal-persuni involuti sakemm fl-aħħar waslu sabiex interċettaw vann b'konsenja għamara antika li dehrilhom kienet suspettuża. Dan

twaqqaf u minn tfittxija li saret instabet id-droga u minnufih ġie infurmat il-Maġistrat Inkwirenti. Illi dan magħdud, madanakollu, il-fatti kollha li waslu għal din l-operazzjoni tal-Pulizija iridu jemerġu kif ingħad waqt il-ġuri u ma jistgħux ikunu determinati minn qabel mill-Qorti għaliex altrimenti ikun qed isir apprezzament tal-provi, manzjoni li għandha tkun riposta unikament f'idejn il-ġurija. Issa jekk b'dawn il-fatti, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, kienx jenħtieġ illi din ssir bl-awtorizazzjoni tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali kif hemm maħsub fl-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, hija kwistjoni li trid tkun determinata mill-provi, bl-Imħallef imbagħad jagħti dawk id-direzzjonijiet opportuni lil ġurija fl-indirizz finali. Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali dwar din l-eċċezzjoni u għalhekk l-aggravju tal-appellant marbuta mal-istess qed tkun miċħuda.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-akkużat Tomsilav Hegedus, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lil Qorti Kriminali sabiex jitkompla s-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**